MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 734/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**Vs**

**Michael Little John ta' 36 sena bin William u Ruth nee` Kristen, imwieled il-Germanja fid-19.11.1965, residenti 93, Triq Stuart, Gzira (ID no. 486783 (M)**

**Christopher Spiteri ta' 24 sena, bin Saviour u Anna nee` Galea, imwieled Mtarfa fil-31.10.1972, residenti 'Mazzola Flts', Flt 6, Triq il-Mazzola, Bugibba (ID no. 550077 (M).**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Michael Little John u Christopher Spiteri u cioe lil:

Michael Little John wahdu:-

a. Talli f'xi hin bejn it-23 u l-25 ta' Novembru, 2001, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'lap top' computer, zewg video cameras, u deheb mill-fond 'Sea View Flts', Flt 3, sitwat fi Triq Qui-si-Sana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM 1000), u li sar ghad-detriment ta' Kaneko Kaori;

b. u aktar talli fl-istess data, lok hin u circustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-bieb tal-istess fond, liema hsara tammonta ghall-anqas hamsin lira Maltin (LM 50);

c. talli rrenda ruhu recidiv ai' termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Christopher Spiteri wahdu:-

c. Talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru, 2001, f'tal-Pieta`, ikkommetta serq ta' van tal-ghamla ISUZU bin-numru ta' registrazzjoni LOG 003, kontenenti diversi kaxxi ta' RED BULL energy drink, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM 1000), u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Logic Enterprises LTD;

d. talli rrenda ruhu recidiv ai' terminini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

e. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal piena ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin u ghal piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin rispettivament, ikkommetta dawn ir-reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija;

Michael Little John u Christopher Spiteri flimkien.

f. Talli xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwestati b'reat sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat li fil-mori tal-kawza Michael Little John miet vide certifikat tal-mewt a fol. 77.

<u>Ghalhekk is-sentenza hija biss fil-konfront ta' Christopher Spiteri.</u>

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Awissu, 2002 (fol. 64) l-akkuzat Christopher Spiteri ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u cioe` dik ta' serq ta' vettura Isuzu, recidiva, ksur ta' sentenza sospiza u ricettazzjoni.

Fuq tali ammissjoni din il-Qorti hatret probation officer biex jirredigi pre sentencing report.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Christopher Spiteri u cioe`:

a) l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) l-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) L-artikoli 28A sa 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat ukoll illi Christopher Spiteri ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti b'mod partikolari mix-xhieda ta' Godwin Gambin u mill-istess stqarrija rilaxxata mill-akkuzat din il-Qorti m'ghanda ebda dubju dwar il-htija tieghu fil-konfront tas-serq tal-vettura Isuzu u tar-ricettazzjoni.

Rat anke il-verbal tad-difiza fejn ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella prova ta' identita dwar sentenzi esebiti kontra Christopher Spiteri (a fol. 64) u dan nonostante ghal fatt li fil-fatt ma giet esebita l-ebda sentenza u l-unika vera referenza ghal dawn is-sentenzi tinsab fl-elenku ta' dak gudikat kontra Christopher Spiteri fil-pre sentencing report (a fol. 91 – 92).

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu premess din il-Qorti qed issibu hati taht l-artikoli:

a) l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) l-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena in vista tal-fatt kif gie premess li ma giet esebita ebda sentenza u minn dak li xehdet il-probation officer Mary Grace Vella (a fol. 118) u cioe` li llum Christpher Spiteri qieghed jiskonta piena karcerarja, minhabba l-fatt li din il-Qorti ghandha d-dubji jekk l-ksur tas-sentenzi sospizi hux gia ttiehed in konsiderazzjoni, ghalhekk mhux se tapplika kontra Christopher Spiteri ebda provediment fil-konfront ta' dan il-ksur nonostante l-ammissjoni tieghu.

Qeghda anke wara li rat ukoll l-artikoli 17, 20 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghall-piena karcerarja ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin.

B’dan illi qeghda tirrakkomanda bl-aktar mod qawwi illi Christopher Spiteri jigi moghti dawk l-opportunitajiet kollha biex jkompli fil-progress tieghu kontra l-vizzju tad-droga b’mod partikolari li jattendi program residenzjali u oltre hekk ghajnuna psikjatrika/psikologika f’dan il-konfront.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------